KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**7/19**

**Minuti tas-seba' (7) Laqgħa tad-dsatax il-sena tas-seba' (7) Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis 23 ta' Mejju, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sur Stephen Sultana** | - | **Sindku** |
| | **Is-Sur Jonathan Brimmer** | - | **Viċi Sindku (wasal fis-6.57 ta' filgħaxija)** |
| | **Is-Sur Silvio Vella** | - | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Jason Mangani** | - | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Elizabeth Vella** | - | **Kunsilliera** |
| | **Is-Sur Horace J Anastasi** | - | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Darren Carabott** | - | **Kunsillier (telaq fis-7.43 ta' filgħaxija)** |
| | **Is-Sinj Louise-Anne Gusman** | - | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Mistieden:** | **Is-Sur Christian Farrugia** | - | **Accountant (wasal fis-7.43 ta' filgħaxija)** |

**Zewg membri tal-pubbliku kienu prezenti waqt il-laqgha. L-ismijiet qeghdin f'rassenja separata**

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti - 2/19 (15/4/2013) u 3/19 (24/4/2013)
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata
   (a) Kumitat Ġieħ tal-Għażla
   (b) Bord tal-Aġġudikazzjoni
   (c) Rapport Amministrattiv 2012
   (d) *Residential Parking Scheme*
   (e) *Financial Statements* - Marzu 2013
8. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
9. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

***1 Affarijiet mqajjma mill-minuti (minuti 3/19):***

1.1 Is-Sindku beda l-laqgħa ta' tkomplija tal-laqgħa preċedenti b'minuta 2.2.1 - Laqgħat mal-Għaqdiet. Huwa qal li l-laqgħat ser jibdew minn Jum il-Missier li huwa s-16 ta' Ġunju 2013.

1.2 Punt 2.2.1 – Laqgħat mal-Għaqdiet: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri fuq il-programm tal-Laqgħat mal-Għaqdiet ta' Santa Venera kif ġej:

1.2.1 Laqgħa mal Kumitat Festi Esterni fiċ-Ċentru Parokkjali ser ssir nhar il-Ħadd 16 ta' Ġunju fid-9.30 ta' filgħodu (Father's Day). Fl-10.30 ta' filgħodu laqgħa mal-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju fis-Sede 488, Triq il-Kbira San Ġuzepp.
1.2.2 Laqgħa mas-Soċjeta Filarmonika Banda Santa Venera – fis-sede tagħhom nhar il-Ħadd 23 ta' Ġunju 2013 fid-9.30 ta' filgħodu. Fl-10.30 ta' filgħodu laqgħa mas-Santa Venera *Lightnings Football Club* fil-Klabb tagħhom.
1.2.3 Laqgħa mal-Fondazzjoni Wirt Vendriz fil-Kunsill Lokali nhar il-Ħadd 30 ta' Ġunju 2013 fid-9.30 ta' filgħodu. Fl-10.30 ta' filgħodu, laqgħa mal-Boċċi Club Santa Venera fil-Club tagħhom.
1.2.4 Laqgħa mal-iScouts Santa Venera fil-kwartieri tagħhom nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju 2013 fid-9.30 ta' filgħodu. Fl-10.30 ta' filgħodu, laqgħa mal-*Girl Guides* fil-Kunsill Lokali.
1.2.5 Laqgħa mas-Santa Venera *United Nursery* fil-Kunsill Lokali nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju 2013 fid-9.30 ta' filgħodu. Fl-10.30 laqgħa mas-Santa Venera *Female Football Club* fil-Kunsill Lokali.
1.2.6 Laqgħa mal-Każin PN fil-każin tagħhom nhar il-Ħadd 21 ta' Lulju 2013 fid-9.30 ta' filgħodu. Fl-10.30 ta' filgħodu laqgħa mal-Każin PL fil-każin tagħhom stess.

***1.3 Minuta 3 – PPP***

1.3.1 Is-Sindku tkellem fuq Triq Misraħ il-Barrieri u li dik il-biċċa li kien ippropona biex jagħmel fejn l-istima tagħha kienet ġiet tiswa €13,175 u din ma tistax issir peress li ma jistgħux jitolbu għal *variation* oħra għax il-Kuntrattur kien talab lil Kunsill preċedenti żieda ta'10% peress li x-xogħol kien ogħla u l-Kunsill kien dam biex ta' il *go ahead* biex jibda x-xogħol. Hawnhekk is-Sur Anastasi qal li dan kien it-tort tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv (ASE) is-Sur Formosa li ma kienx ħa ħsieb li jinforma lill-Kuntrattur fil-ħin.

1.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li dakinhar kellu laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv (SE) mad-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali (DLG) biex jitkellmu fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Mill-kalkoli, mill-ħlasijiet li diġa ħallas il-Kunsill, l-istima fuq Misraħ Santa Venera u Triq Misraħ il-Barrieri (għalissa stimi biss jistgħu jinterpretaw), il-ħames toroq tal-PPP jammontaw madwar €477,000 mingħajr servizzi. Is-Sindku żied jgħid li meta huwa beda jippersisti mad-DLG fuq l-ammonti li ser jagħtuna, id-DLG kien diġa ta lill-Kunsill madwar €28,000 f'Jannar tat-2011 u s-somma tal-*commitment* li se jagħtu hija ta' madwar €105,000 bis-servizzi. Meta wieħed inneħħi l-ammont tas-servizzi li jammontaw għal €84000, meta taħdem 30% ta' dan il-kont jiġi madwar €282,000. Irriżulta li l-istimi li kkalkula d-DLG kienu fuq l-ewwel stima tal-PPP u mhux fuq li ġew riveduti fit-2012 meta inbidel il-Perit

u ta stima oħra. Is-Sindku qal li b'dawn l-ammonti, il-Kunsill ma jistax jaħdem u li jrid jieħu ċerta miżuri. Id-DLG qabel ma dan.

1.3.3 Is-Sur Anastasi qal li hemm ir-rapport tal-*Accountant* ta' qabel, is-Sinj Romina Perici Ferrante imma s-Sindku qal li d-DLG ma kienx infurmat b'dawn l-istimi ġodda. Is-Sur Anastasi qal li dawn kienu fil-*budget* u li suppost id-DLG kien jaf bihom. Is-Sindku qal li huwa kien ġibed l-attenzjoni li dawn il-kalkoli kienu ħżiena imma ma kienx ikkalkulat. Is-Sur Anastasi qallu li huwa suppost ra l-*budget*. Is-Sindku qal li huwa kellu f'idejh ir-rapport tas-Sinj Perici Ferrante u li dan ma kienx ikkalkulat skont l-aħħar stimi. Is-Sur Anastasi qal li l-Kunsill suppost ifittex lill-*Accountant* peress li hija sgwidat il-Kunsill meta tat il-*go ahead* li l-Kunsill jista' jimxi skont il-kalkoli tagħha.

1.3.4 Is-Sindku qal li huwa ser jitlob lid-DLG biex jirrevedi l-ammonti. Is-Sur Sultana qal li l-budget kellu jiġi ppreżentat f'Novembru. Hawnhekk is-SE talbet biex titkellem. Hija qalet li f'Novembru il-Kunsill Lokali ħareġ it-*Tenders* ġodda u fosthom kien hemm tal-*accountant*. Is-Sinj Perici Ferrante waqfet taħdem f'Novembru, għalhekk il-*budget* ma sarx fil-ħin. Saret diskussjoni fuq dan is-suġġett. Ir-*refund* fuq is-servizzi tal-WSC huma ta' 30% u mhux 20%. Is-Sur Anastasi qal li huwa kien kiteb lid-Dipartiment fuq dawn il-finanzi u talab lis-SE biex issib din il-korrespondenza. Is-Sindku semma l-ammonti tal-WSC fuq it-tlett toroq li saru. Is-Sur Anastasi qal li dak iż-żmien l-ASE kien is-Sur Formosa, u li huwa suppost iwieġeb għas-sitwazzjoni finanzjarja ta' dak iż-żmien.

1.3.5 Is-Sur Sultana qal li ser ~~jiktbu~~ jikteb lid-Dipartiment biex jinfurmawh b'mod uffiċċjali, u li għalissa se jiġi sospiż ix-xogħol fit-Triq Misraħ il-Barrieri u r-residenti se jiġu nfurmati jekk il-flus ma jaslux.

1.3.6 Misraħ Santa Venera

1.3.6.1 Is-Sindku kellu laqgħat mal-Perit u ħarġu b'dawn is-suġġerimenti. Il-Perit ipprepara pjanta u kemm huwa bħala s-Sindku kif ukoll il-Kunsillier is-Sinj Vella bħala l-*minority leader* kellhom laqgħa mar-residenti tal-Misraħ. Hawnhekk is-Sur Horace J Anastasi qal li huwa m'għandhux *minority leader*. Saret diskussjoni fuq x'jista' jsir. ~~Li ser jsiru xi~~ Kien hemm proposta għal 6 *gutters* li jagħtu ftit il-fuq miz-żuntier biex joskula l-ilma f'dan il-ġibjun u irid issir xogħol infrastrutturali. Hemm bżonn li jkellmu l-propjetarju tal-ġaraxx ta' wara is-*sub station* li hemm wara il-*Housing Estate*. L-istima hija bejn €9000 u €10000 biex isir dan ix-xogħol. Dan ma jaqax taħt il-UIF imma mill-fondi tal-PPP. B'mod formali s-Sindku ser jitlob li jkollhom ittra sanzjonata mir-residenti għax ~~l-*overflow* tal~~ l-ilma ~~ħa jgħaddi minn taħt il-bini tar-residenti~~ ħa ikollu l-ħmieġ li jkun hemm fit-triq li jispiċċa fil-ġibjun.

1.3.6.2 Is-Sur Sindku qal li l-problema tad-dislivelli ser tiġi eliminata peress li l-Perit fost oħrajn se jagħmel *dropping kerb* mad-dawra kollha biex il-karozzi jitilgħu ftit. Il-biċċa tan-nofs ħa tibqa kif inhi. Is-Sindku qal li faċċata taż-żuntier se jitneħħew il-*planters* u jsiru oħrajn ~~*disposable*~~ *portable* u titla' xi 3 pulzieri sabiex jekk ikun hemm il-vara, din tista' toħroġ mingħajr problemi.

1.3.6.3 Is-Sur Sindku qal li l-istima tal-madum, bit-terracotta mad-dawra tar-residenti u l-parking tan-nofs isir bid-disinn, b'*area* ta' 550m$^2$, tammonta għal €1,650. din tiġi *in line* mal *variation*.

1.3.6.4 Iz-zuntier ħa jsir bil-madum Syrian u ser isir ukoll fejn hemm il-balavostri – is-*supply* tal-materjal – taz-zuntier u l-biċċa tal-balavostri ħa jiswa madwar €10,000 għax il-*laying* tal-madum kollu huwa inkluz fit-*tender*.

1.3.6.5 Dawl: Is-Sindku semma li hemm problema fejn hemm in-niċċa ta' Santa Venera. Il-pedastal u l-*base* huma inklużi fit-tender, il-vara ser jagħtiha s-Sur Charles Scerri. Hemm bżonn *fittings* u jridu jagħmlu *meter* separat. Saret diskussjoni fuq id-dawl u li s-Sindku talab li se jieħdu 3 kwotazzjonijiet għall-uplighters, *fittings* u l-*meter* tad-dawl minn Schembri Barbros, Micamed u xi ħadd ieħor. Il-Perit għandu jipprepara it-*technical specifications.*

***1.4 Minuta 3.2 Lampa fi Triq il-Paroċċa***

1.4.1 Is-Sur Sultana qara l-ittra mis-Sinj Petroni bid-data 9 ta' Mejju 2013 fejn talbet li l-lampa ma terġax teħel mal-faċċata tagħhom peress li ġarbu ħafna ħsara minħabba din il-lampa. Saret diskussjoni fuq jekk tinqala din il-lampa fejn ser terġa teħel. Is-Sindku qal li biex tinqala ser tiswa €175 u biex terħa teħel ser tiswa €175. Ġie deċiż li l-lampa terġa teħel ma l-istess faċċata u teħel bil-*bolts* aħjar *brackets* ġodda u l-ispejjez jħallashom il-Kunsill. Imma jekk ma jaċċettawx il-kunsill jerġa jiddiskuti l-każ.

***1.5 Minuta 3.7.1 Riżenja tal-iskrivana Skala 15***

1.5.1 Is-Sindku qal li dan il-proċess jiskatta meta jiġi kkonfermat il-Bord tal-Għażla. Dan il-Bord jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Huwa qal li daħlet applikazzjoni waħda u li l-applikanta kienet taħdem il-Kunsill ta' San Ġiljan.

***2 Korrespondenza***

2.1 Is-Sindku irrefera għat-talba għall-*loading/unloading bay* mill-Kumpanija Dizz Ltd Triq il-Kapillan Mifsud. Huwa qal li ser jagħmlu t-talba lit-TM. Is-Sur Anastasi qal li l-Kunsill diġa għandhom risposta mit-TM fuq din. Is-SE għandha ġġib il-korrespondenza.

2.2 Is-Sur Sultana semma x-xoghol li jrid isir għas-Sur Grech ta' Triq il-Blata il-Kaħla. Huwa qal li mportanti li dawn il-linji jsiru skont l-istruzzjonijiet tat-TM korrespondenza bid-data 22/4/2013. Saret diskussjoni fuq il-kaz. Is-SE għandha toħroġ *Works Order* lill-Koptasin.

2.3 *Removal of Road Hump* fi Triq Qormi: din kienet approvata fit-2011. Is-Sindku ssuġġerixxa li jitolbu għal-kwotazzjoni biex titneħħa din il-*road hump* peress li kienet saret minħabba skola u din l-iskola m'għadhiex tinfunzjona topera.

2.4 ***Kumitat Kongunt:*** Is-Sindku tkellem fuq il-kuntratt tal-Kumitat Kongunt li ser jxolji. Is-SE għandha tibgħat dan il-kuntratt lill-Kunsillieri. Is-Sindku żied jgħid li hemm ammont ta ċitazzjonijiet li jridu jinġabru - €231,036 sa l-aħħar tas-sena. Is-Sur Anastasi qal li din kienet tresqet Kunsill. Is-Sindku qal lill-*Accountant* biex jidħlu bil-*balance sheet* tal-Kunsill. Saret

diskussjoni fuq dan is-suġġett. Il-Kumitat kongunt jiehu 20% mill-ammont li jdaħħal il-Kunsill. Is-Sindku talab li jkollu il-lista tal-*Ageing Debtors* minghand is-Sur David Soler. Is-Sur Anastasi ssuġġerixxa li minn għandhu iżjed minn ċitazzjoni waħda, il-kunsill jista' jċedi xi ammont ħalli għallinqas jiġbor xi ħaga minnhom. Is-Sindku qal li d-datatrak ser jieħu peresentaġġ fuq l-ammonti li jidħlu madwar 20%. Is-Sur Silvio Vella semma r-regolament li kull min imur biex iġedded il-liċenzja dawn suppost iħallsu ċ-ċitazzjonijiet li għandhom fuq il-karrozza. Is-Sindku qal li huma jistghu jiktbu lit-TM imma l-ewwel jaraw forsi jiġbru ċ-ċitazzjonijiet riċenti. Is-SE staqsiet jekk l-ispejjes amministrattivi jigux l-istess daqs l-peresentagg li se jiehu d-datatrak. Is-Sindku wieġeb li l-lista hija tad-datatrak. Is-Sur Anastasi gibed l-attenzjoni li d-datatrak issa saru LOQUS. Il-Kunsill iddeċieda li jekk jiffirmaw il-kuntratt biex dawn jiġu fuq il-*balance sheet* tal-Kunsill, l-ispiza tal-amministrazzjoni jitħallsu mill-Kumitat Kongunt u l-Kunsill jidħol fl-*agreement* li l-ittri jibqgħu jintbgħatu mill-Kumitat Konġunt ~~sakemm jidħlu ċertu ammont~~ kull 3 xhur u dan fuq perjodu ta' 5 snin. Ġie deċiz li s-Sindku jibghat il-klawsola lill-Kumitat Kungunt wara li ~~u~~ l-Kunsill jieħu parir legali.

2.5 Is-Sur Christian Farrugia, l-*Accountant* wasal fis-7.43 ta' filgħaxija.

2.6 Il-Kunsillieri s-Sur Carabott telaq fis-7.43 ta' filgħaxija.

2.7 Il-membri tal-Pubbliku telqu mis-sala fis-7.43 ta' filgħaxija.

## *3 Ordinijiet tal-ġurnata*

3.1 Is-Sindku ssuspenda d-diskussjoni biex imorru għall-Ordnijiet tal-ġurnata:

### *3.2 Financial Statements - Marzu 2013*

3.2.1 Is-Sur Farrugia ta spjegazzjoni fuq il-*financial statements*. Huwa qal li dawn l-istatements gew imfassla skont il-Budget 2013 liema Budget għad irid jiġi approvat mill-Kunsill il-ġdid. Is-Sur Farrugia qal li bejn il-Budget tat-2012 u dak tat-2013 ftit hemm diskrepanzi. Żied jgħid li l-Kunsill għandu dħul mill-allokazzjoni tal-Gvern, miċ-ċitazzjonijiet u mill-permessi li joħroġ. Il-Kunsill irċieva €2000 bħalha forma ta' *Corporate Social Responsibility* minn indiwidwu li qiegħed jagħmel xogħol fi Triq il-~~Paroċċa~~ Kanun. €123,523 kien bħala dħul u kien hemm xi imgħax mil-Bank. Bħala spejjez il-Kunsill għandu l-pagi, spejjez mil-operat u amministrazzjoni, kuntratturi, infieq kapitali li huma t-toroq tal-PPP (€123,481). L-*Accountant* qal li fl-ewwel 3 xhur tas-sena 2013 kien hemm bilanċ bejn id-dħul u l-ħruġ tal-Kunsill. Issemma wkoll l-*invoices* tas-*street lighting*. Il-kontijiet tal-Arms daħlu tard u allura l-Kunsill ħallas dawn fl-ewwel 3 xhur tas-sena. *Commitments* mal-Kuntratturi hemm xi €190000 fis-sena. Il-bqija tal-ispejjez qegħdin in regola ma dak li ġie budgeted għall-ewwel 3 xhur.

3.2.2 Infiq Kapitali: li jinkludu t-toroq tal-PPP (pagament ta' Triq Msida u WSC) u xiri ta' kompjuters u CCTV.

3.2.3 Is-Sindku nforma lill-*Accountant* fuq il-laqgħa li kellu mad-Direttur tad-DLG u li d-DLG kienu qed jibbażaw l-allokazzjoni fuq l-istima tal-bidu u mhux l-istima ta' l-aħħar dwar it-toroq tal-PPP. Is-Sindku qal li l-Kunsill għalissa iddeċieda li Triq Misraħ il-Barrieri mhux se

titkompla. Is-Sur Farrugia talab għall-costings tal-WSC tat-Triq Misraħ il-Barrieri u Misraħ Santa Venera. Is-Sur Anastasi qal li hemm il-*costings* tagħhom li jammontaw għal xi €75, 000 (t-toroq kollha) u Misraħ il-Barrieri €26000 u huwa kien talab bil-miktub lid-DLG biex jafrilhom il-kont tal-WSC ta' Triq il-Misraħ il-Barrieri. Is-Sur Farrugia talab għall-costings tal-WSC tat-Triq Misraħ il-Barrieri. Is-SE talbet għall-estimi lill-perit u għandha taddi dawn l-estimi lill-*Accountant.*

3.2.4 Is-Sur Farrugia qal li din is-sena l-Kunsill għandu *commitments* ta' €190,000. Sa l-aħħar ta' din is-sena, skont il-kalkoli tiegħu, l-Kunsill ser jkollu €200,000 mill-fondi jiġifieri 53% tal-allokazzjoni. Is-Sur Farrugia qal li l-Kunsill kellu bilanċ tajjeb. Issa ser jibda jkun hemm tnaqqis sostenzjali biex jithallsu l-persentaġġi l-oħra tat-toroq li diġa saru.

3.2.5 Is-Sur Farrugia qal li jistghu forsi jieħdu xi haga miċ-ċitazzjonijiet li għandhom jiġbru u s-Sindku ~~issuġġerixxa~~ irrimarka li l-unika mezz biex iżidu d-dħul huwa li jżidu s-CCTVs.

3.2.6 Is-Sur Farrugia qal li jekk l-*accountant* preċedenti kellha l-informazzjoni, din l-informazzjoni suppost hija tal-Kunsill.

3.2.7 Is-Sur Farrugia telaq fit-8.19 ta' filgħaxija.

***4 Korrespondenza:***

4.1 Is-Sindku mar fuq it-tkomplija ta' punt 4 tal-Aġenda.

4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li s-Sur O'Flaherty talab għal-*loading/unloading bay*, ittra bid-data 16 ta' Mejju 2012. Is-SE għandha tikteb lit-TM għall-approvazzjoni.

4.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Kunsill rċieva ittra mill-Malta Council for the Voluntary Sector bid-data 15 ta' Mejju 2013 fejn talbu biex jagħmlu laqgħa għall-Għaqdiet kollha tal-lokal. Is-Sindku għandu jitlob lil Christian Micallef biex forsi jużaw il-*premises* tal-Youth Hub jew jużaw il-*premises* tal-*iScouts*. Is-Sindku ħa jipprova jkellem lil Christian Micallef fuq din.

4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li rċieva ittra mingħand is-Sinj Marita Beck fejn talbet li ssir *reserved parking bay* għal żmien temporanju fil-bidu ta' Triq Dun Xand Cortis jew fi Triq Dun Ġwann Azzopardi peress li dik li kien hemm f'Misraħ Santa Venera tneħħiet minħabba li qiegħed isir ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li jikteb lit-TM għall-approvazzjoni.

***5 Ordnijiet tal-Ġurnata***

5.1 Is-Sindku talab biex imorru għal punt 7 tal-Aġenda.

*5.2 Kumitat Ġieħ tal-Għażla*

5.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li qabel kien hemm kumitat li kien ~~jinforma~~ jirrikomanda lill-Kunsill skont id-deċizjoni ta' dan il-Kumitat. Is-Sindku ppropona li ~~jkun hemm~~

dan il-Kumitat ikun iffurmat min bħalha *Chairperson* ~~ikun hemm~~ Dr Joseph Axiaq u bħalha membri: Dario Bezzina, Lino Debono, George Debono, Raymond Scerri, Marylene Sciortino u Evelyn Farrugia. Il-Kunsill qabel ma dan il-Kumitat nem con.

*5.3 Bord tal-Aġġudikazzjoni*

5.3.1 Is-Sur Sultana nforma lill-Kunsillieri li ser jaħtar Bord tal-Aggudikazzjoni fejn ser jkun immexxi minnu, u bħalha membri: Lawrence Aquilina, Anthony Azzopardi, Edwin Cassar, Martin Pace, Jonathan Brimmer bħala Viċi Sindku u Elizabeth Vella bħala l-*minority leader*. Is-Sindku staqsa jekk hemmx oġġezzjoni u talab għall-vot. Ħames mill-Kunsillieri preżenti ivvotaw favur u s-Sur Anastasi vvota kontra. Is-SE qalet li hija trid tara mar-regolamenti tat-*Tenders* jekk hemmx numru stabilit tal-membri fuq dan il-Bord. Is-Sindku qal li l-istess membri fuq dan il-Bord ser jkunu fuq il-Bord tal-Għażla. Dawn ser jkunu tul il-leġislatura.

*5.4 Rapport Amministrattiv 2012*

5.4.1 Is-Sindku qal li huwa ma kienx responsabbli għal dan ir-rapport peress li huwa xogħol tas-Sena l-oħra.

5.4.2 ***Diversi xogħolijiet***: Huwa qal li fuq ix-xogħolijiet, il-verzjoni tal-ħaddiema tal-iskema tal-ETC hija differenti min kif hemm fir-rapport. Is-Sur Anastasi u s-SE talbuh jgħati l-verżjoni li għandu imma s-Sindku sostna li l-ħaddiema taw verżjoni differenti u li huwa m'għandux ~~għalfejn jagħti spjegazzjoni~~ xi jżid ma dak li qal.

5.4.3 ***Progetti***: Is-Sindku semma l-PPP u l-*acoustic barriers*.

5.5 Is-Sur Anastasi talab għall-protezzjoni peress li s-Sindku mhux qed iħallih jitlob spjegazzjoni.

5.5.1 Is-Sur Anastasi semmha l-każ ta' meta kien qiegħed il-Kunsill jieħu café li offrewlu u daħal ir-raġel tal-Kunsilliera s-Sinj Vella ~~u dan mar jirraporta lis-Sindku~~. Is-Sinj Vella talbet għal *recording* biex ir-raġel tagħha jiġi jisma r-*recording* tal-laqgħa peress li s-Sur Anastasi semmieh u huwa ma kienx preżenti biex jiddefendi ruħu. Is-SE qalet li r-*recording* qiegħed biss għas-SE biex jiffaċilita' t-teħid tal-minuti u r-*recording* ma jistax jismagħhom ħadd. Is-Sindku qal li s-Sinj Vella tista' titlob appuntament lis-SE u tmur tkellimha. Saret diskussjoni fuq l-inċident. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li hija kienet qiegħda fl-uffiċċju tagħha dak il-ħin u l-uffiċjal eżekuttiv kien qiegħed ikompli fuq xogħolu u ħadd ma kien qed jiekol minnhom u mhux kif kienu qed jirrimarkaw li meta jiġu l-Kunsillieri 'il-ħaddiema jkunu maqtulin biex xogħol'. Is-Sindku qal li kienu *out of order* u l-laqgħa tkompliet.

5.6 ***Residential Parking Scheme***. Is-Sindku nforma li mill-aħħar żviluppi min-naħa tal-Gvern, kull skema ġdida qiegħda tiġi sospiża. Is-Sindku qal li ssuġġerixxa li jsir dak meħtieġ fuq it-tabelli u jibda l-proċess tal-permessi għal *parking permit holders* għal ta' Triq il-Kanun. Is-Sindku semma ~~xi~~ diversi toroq minħabba r-*residential parking* u għandu jgħaddi l-lista lis-SE. Saret diskussjoni fuq dan is-suġġett. Is-Sindku qal li imbagħad isejjaħ laqgħa għar-residenti kif se taħdem din l-iskema.

5.7 ***Kommunikazzjoni mis-Sindku:***

5.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri fuq il-Laqgħa ta' Koordinament mal-Kapillan u mal-Għaqdiet tal-Festa u li din il-laqgħa ser jibda jmexxiha l-Kapillan. Din id-direttiva ġiet mil-Kurja. Kien hemm xi dizgwid mill-Għaqdiet u s-Sindku ser jgħaddi r-rapport li ġie ppreżentat dak in-nhar. Huwa qal li jridu jżidu xi bollards fi Triq il-Paroċċa u Triq il-Kbira San Ġużepp, ħdejn Triq San Ġorg. Il-Kunsill approva li jsiru l-bollards fejn hemm bżonn.

5.7.2 ***Familja Fest***: ser tiġi organizzata Familja Fest f'Jum il-Missier organizzata mill-Kunsill Lokali u mill-Fondazzjoni Wirt Vendriż u mill-Amministrazzjoni Dar Qalb ta' Ġesu'. Saret diskussjoni jekk jistgħux jagħtu *pen drive* peress li l-Kunsill ma jistax jixtri xi ħaġa għax b'hekk il-Kunsill ikun qed jgħati donazzjoni. Is-Sindku qal li din hija xi ħaġa biex jagħtu servizz. Is-SE qalet li l-Kunsill ma jistax jgħati xejn lir-residenti. Is-Sindku se jitlob direttiva mid-DLG.

5.7.3 ***Devoluzzjoni***: Is-Sindku qal li huwa l-ħsieb tal-Kunsill li ~~se~~ jiżviluppa l-art li hemm ~~ħdejn~~ biswit il-Kunsill. Huwa qal li jrid jitlob għad-devoluzzjoni. Is-Sur Anastasi qal li l-Kunsill diġa talab għad-devoluzzjoni ta' din l-art. Is-Sindku qal li huwa ħa jipprova jġib fondi mill-EU jew jiftaħ għal *public interest* skont it-*tender* li joħroġ. Is-SE infurmat lill-Kunsillieri li huma kienu diġa talbu għad-devoluzzjoni tal-art u kienet ordnat is-*site plan*. Id-dipartiment talab li jsir is-*survey* u dan kien għadu ma sarx. Is-Sindku qal li huwa jixtieq jipprepara proġett u li jrid jitlob għas-*survey* l-ewwel. Huwa talab il-Kunsill jekk japprovax li jagħmlu dan is-*survey*. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta nem con.

6 Is-Sinj Vella telqet mill-laqgħa fid-9.02 ta' filgħaxija.

7 Is-Sur Silvio Vella talab biex jbiddel membru fuq s-sotto kumitat tal-Ambjent u Ġonna u jagħmel lil Mario Grixti u biex jagħmel lil Philip Chircop fuq is-sotto kumitat tal-Kultura u Wirt Storiku.

8 Is-Sindku talab biex imorru għal punt 6 tal-Aġenda:

*8.1 Ilmenti*

| No. | **Incident Reference** | **Incident Date** | **Incident Description** | **Organisation** | Remarks |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 22213083189167 | 16/04/2013 10:59:07 | Ilma hiereg minn taht lart go Triq hal-Qormi Santa Venera | Water Services Corporation | |
| 2 | 22213013189452 | 22/04/2013 07:58:26 | Triq il- Ferovija bejn l-iskola u Conimex Tabelli mwahla kwzi f'nofs il- bankina | SANTA VENERA Local Council | TM |
| 3 | 22213003189454 | 22/04/2013 08:01:50 | Triq Braaille mhemmx indikazjoni li hemm zebra cross fejn il- bieb ta' Romeo Romano | SANTA VENERA Local Council | Koptasin WO |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 | 22213062189456 | 22/04/2013 08:07:29 | Triq Carini Arbli tad-dawl imsadda | SANTA VENERA Local Council | Enemalta |
| 5 | 22213100189457 | 22/04/2013 08:13:35 | Triq carini bzonn ta' tabella biex ma jitwadabx skart ma tul il- klejl. Fi dahla ta' fejn Winter court | SANTA VENERA Local Council | IPSL |
| 6 | 22213055189458 | 22/04/2013 08:21:47 | Il- U-bar li kien hemm fil-kantuniera ta' Triq il-Lunzjata k/m Triq Brighella inqalghet u ma regghetx saret; hemm il-hofor tal-U-bar. Irrappurtata minn Joan Cauchi 140, Triq Brighella | SANTA VENERA Local Council | IPSL |
| 7 | 22213066189463 | 22/04/2013 09:01:44 | Biex terga issir it-tabella li min jarmi z-zibel jigi imharrek li kien hemm fi Triq il-Qalb Imqaddsa | SANTA VENERA Local Council | IPSL |
| 8 | 22213036189464 | 22/04/2013 09:08:37 | Biex issir tabella biex ma jipparkjawx bl-exhaust pipe in-naha tal-bini - Blk B Tal-Palazz l-Ahmar | SANTA VENERA Local Council | Koptasin, l-ewwel biex ticcekja mat-TM (SS) |
| 9 | 22213019189468 | 22/04/2013 09:20:43 | Triq Carini kif idur minn triq il-Kbira San Guzepp Kurduna tizluq | SANTA VENERA Local Council | Contracts manager |
| 10 | 22213079189471 | 22/04/2013 09:24:02 | Triq Carini Rampa Tizloq | SANTA VENERA Local Council | Contracts manager biex jieħu ritratti |
| 11 | 22213061189474 | 22/04/2013 09:29:27 | Triq Carini Ir-Rampa ghad-dahla tal-garaxxijiet imkissra. (Taht Artuim Flats | SANTA VENERA Local Council | contracts manager |
| 12 | 22213018189475 | 22/04/2013 09:32:14 | Sqaq ta' hdejn l-istitut San Guzepp. Spakxin imkiser | SANTA VENERA Local Council | ix-xogħol sar |
| 13 | 22213041189477 | 22/04/2013 09:40:01 | Triq il-Kbira San Guzepp faccata tal- Union Bar fejn id-dar Il-Kbira. Problema tal-hamiem salvagg | SANTA VENERA Local Council | Env Health (biex naraw il-Kunsill ta' t as-sliema x'għamel) |
| 14 | 22213092189479 | 22/04/2013 09:43:51 | Latrina fejn tal-bocci. Jitwahlu il-hinijiet tal-ftuh u gheluq | SANTA VENERA Local Council | Logografix biex jagħmel *opening/closing time* |
| 15 | 22213001189483 | 22/04/2013 09:55:08 | Kienet inkissret il-mera ta' fejn il-petshop Idea Natura, Triq il-Ferrovija u ma regghetx saret. Biex issir iz-zebra crossing/lights quddiem il-Park Towers supermarket. Fit-triq tal-Phoenix qed jipparkjaw fuq | SANTA VENERA Local Council | saret, in progress, Triq tal-Phoenix mhux approvat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | iz-zewg nahat, biex issir li jipparkjaw fuq lane wahda. | | |
| 16 | 22213032189581 | 23/04/2013 12:34:45 | Fi Triq Hal Qormi hemm problema kbira ta' parking u jipparkjaw bl-addocc | SANTA VENERA Local Council | Residential parking scheme |
| 17 | 22213031189684 | 25/04/2013 07:46:18 | Refurbishment gol-Gnien tal-Palazz L-ahmar Santa Venera . 1. Injam tal-bankijiet 2. Jinqalghu it-Twapet u jitnaddfu mill-haxix hazin b'mod gradwali. 3. Manutenzjoni taz-zebgha fuq il- bandli | SANTA VENERA Local Council | twapet u haxix hazin - IPSL; injam - nixtru minghand Bennej Qormi Road Johnny |
| 18 | 22213038189685 | 25/04/2013 07:54:54 | Rapporti minn Raphael Carabott : 1. Hofra quddiem No. 21, Triq iz-Zonqor. Hofra hdejn il- bus stop ta' fejn hemm ic-Centru Hidma Socjali, Triq il- Kbira San Guzepp. 3. Arblu li hemm fi Triq Misraħ il- Barrieri biswit il- LidL sabiex jitnehha minn hemm. | SANTA VENERA Local Council | Major patching, major patching, sar |
| 19 | 22213011189688 | 25/04/2013 08:10:59 | Pot holes (hofor) go Triq Tal-Palazz L-Ahmar u Triq Il-Batterija | SANTA VENERA Local Council | IPSL |
| 20 | 22213038189718 | 25/04/2013 11:04:12 | Biex isijru linji bojod go Triq il- Kappilan Mifsud fejn il-LideL | SANTA VENERA Local Council | Hamrun, mhux fil-konfini tal-Kunsill |
| 21 | 22213059189782 | 26/04/2013 14:26:18 | Triq il-Gdida go Triq L-Imsida hemm bzonn li l-hofor li hemm jimtlew bi ftit zrar, għax kull min ghandu garaxx ma jistax jidħol bil vettura tieghu għax jahbat l-qiegh u qed jikkagunaw hafna hsara | SANTA VENERA Local Council | TM |
| 22 | 22213040189784 | 26/04/2013 14:31:58 | Refresh ta' KEEP CLEAR li hemm go Triq il- Kbira San Guzepp Santa Venera, fejn il-banka tal Lotto. fejn it-trejqa. | SANTA VENERA Local Council | IPSL |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 23 | 22213053189786 | 26/04/2013 14:39:00 | PC904 tat-traffic irraporta li go Triq iz-Zonqor hemm Tabella tal-one way, nieqsa. Barra minn hekk hemm ohra bejn il-MITA u Ex-Phenex. | SANTA VENERA Local Council | Koptasin WO |
| 24 | 22213079189813 | 27/04/2013 10:40:55 | Playing field tal-Palazz l-Ahmar Ghanda Bzonn 11 il-bozza, 4 globi 4 bozoz tar-riflector | SANTA VENERA Local Council | Micamed |
| 25 | 22213099189816 | 27/04/2013 11:01:39 | Playing field ta' Triq il-Parocca ghanda bzonn 4 bozoz | SANTA VENERA Local Council | Micamed |
| 26 | 22213081189817 | 27/04/2013 11:10:03 | Quddiem gnien Romeo Romano go Triq Braille fejn hemm it-Traffic Signe hemm sprall mimli weraq | SANTA VENERA Local Council | IPSL - bicca wire spk to SS or Silvio Vella |
| 27 | 22213011189820 | 27/04/2013 11:21:01 | Triq Abela ma Triq il-Kanonku Bonnici hemm soft area triq tidnaddaf mill-haxix hazin għax kiber hafna u titnaddaf mill imbarazz għax hemm anke saqqijiet | SANTA VENERA Local Council | saret illum 23-5-13 |
| 28 | 22213066189822 | 27/04/2013 11:27:14 | Hemm il-bins li hma mwahhlin go l-art u mal-hajt mat-toroq tar-rahal qed jithallew mimlija u mfawrin hafna. Dawk min supost ibattalom? biex tiehdu hsiebhom | SANTA VENERA Local Council | IPSL |
| 29 | 22213025189823 | 27/04/2013 11:33:45 | Soft area li qedgha fi Triq it-Turetta fejn hemm il- pitch tal-bocci ghanda bzonn dawra u jekk hu possibli jithawlu xi fjuri | SANTA VENERA Local Council | saret, tinzabar sigra |
| 30 | 22213093189824 | 27/04/2013 11:39:07 | Kif bqajna fuq ir-roundabout ta' Triq il-Kanun li sippost qed jiehdha ta' ELC u dejjem baqghat zdingata, għax dik arterja | SANTA VENERA Local Council | Traffic island - TM biex tikteb lit- TM |
| 31 | 22213076189825 | 27/04/2013 11:46:01 | L-isprall li hemm fi triq il-Kbira san Guzepp int u hiereg ma Triq il-Kanun fejn it-taljan tal-pizza hemm sprall ghandu bzonn jigi mnaddaf għax qed ikun hemm hafna riha, dan li kont cempilt lil tas-Senita u qaluli lil-Kunsill ghandu | SANTA VENERA Local Council | IPSL |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | x'jaqsam | | |
| 32 | 22213028189827 | 29/04/2013 07:35:36 | Zewg hofriet fi triq Brighella quddiem resideni 137 u 115 biex jimlewhom bi ftit tarmak. | SANTA VENERA Local Council | saru |
| 33 | 22213035189954 | 30/04/2013 13:00:10 | Refresh yellow disable signe in front of 61 Triq il-Mastrudaxxi. | SANTA VENERA Local Council | sar |
| 34 | 22213086190056 | 05/03/2013 08:07 | 1. Il- Fanal ta gdejn il--bandli ta' wara l-knisja l-gdida, kienu bdew xi tiswijiet fuqu u ghadu kief kien, bkonsegwenza li kista jwegga xi hadd. Qed nghid ghal wiehed minn dawk il--fanali ta' hdejn il- Kripta. | SANTA VENERA Local Council | micamed biex iwahhal arblu, l-arblu qieghed fil-gnien |
| 35 | 22213010190073 | 05/03/2013 10:20 | Hofra fejn id-drain ta' Triq Hal-Qormi Quddiem Govann qed jinqala it-tarmak. | SANTA VENERA Local Council | IPSL |
| 36 | 22213034190081 | 05/03/2013 10:51 | Hemm bzonn Mera go Triq il-Kanun faccata ta' Triq Il-Parocca Santa Venera. Għax il- vetturi qed ikollhom johorgu aktar minn nofshom, bkonsegwenza li se jkun hemm xi disgrazzja. barra minn hekk hemm hofra fejn il-STOP signe go Triq il-Parocca | SANTA VENERA Local Council | Koptasin WO |
| 37 | 22213026190136 | 26/05/2013 07:22:10 | Talba ghal road humps fi Triq Carini Santa Venera | | TM |
| 38 | 22213018190139 | 26/05/2013 08:28:19 | Talba ghal possibilta li jsir forma ta' Traffic management fil-fetha ta'Triq Pietro dacoutros | | Tikteb u issaqsi lit-TM, jekk le, biex titlob lil Perit biex jagħmel traffic mgt |
| 39 | 22213100190140 | 26/05/2013 08:32:55 | Talba sabiex isiru xi forma ta' planters taht l-akwidott sabiex il-karozzi ma jibqghux dehlin sa gewwa | | cat eyes, Koptasin WO stima l-ewwel |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 | 22213061190141 | 26/05/2013 08:37:22 | Talba ghal bozza gdida fit-tarf ta' Triq gdida fi Triq Guze Flores | | | Enemalta |

9 Il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

Louise-Anne Gusman
Segretarju Eżekuttiv

Stephen Sultana
Sindku

Ikkonfermati llum, 10 ta' Ġunju 2013